**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz Numru: 273/2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs.**

**Therese Attard Flores**

Illum 17 ta' Gunju 2021

Il Qorti:

Rat li tressqet **Theresa Attard Flores** bint Edgar Cachia u Ludgarda nee' Cardona, mwielda l-Pieta' nhar it-18 ta' Dicembru 1982 u residenti gewwa 12, Triq it-Tlietau Ghoxrin ta' April, Qormi u detentura tal-karta tal-identita' bin-numru **16183M**;

Akkuzata talli nhar is-07 ta' Marzu 2017 u fil-jiem, gimghat, xhur u snin ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Talli hadt fil-pussess tieghek xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg jew taghmel uzu minnhom u dan bi ksur tal-artikolu 337C(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll talli installajt, nehhejt, biddilt, ghamilt hsara, hassart, iddeterjorajt, razzant, qridt, varjajt jew zidt ma xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg jew tirrendi data bhal din inaccessibbli u dan bi ksur tal-Artikolu 337C (g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli uzajt kodici ta' dhul, password, isem l-utent, indirizz postal elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhu jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f'computer jew b'xi mod tikser kwalunkwe mizura ta' sigurta sabiex takkwista access minghajr awtorizzazzjoni ghas-sistema tal-informatika kollha jew parti minnha u dan bi ksur tal-Artikolu 337C (i) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli kxift data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg kemm-il darba dan ma jkunx mehtieg fil-qadi ta' dmirijietek jew b'xi ligi ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 337C (j) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tas-17 ta' Novembru 2017, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputata tenniet li ma kienitx hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.[2]

[1] Folio 11 ta' l-atti processwali
[2] Folio 16 u 18 ta' l-atti processwali

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[3]

Rat li fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru 2019 il-partijiet iverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif preseduta milli terga tisma lix-xhieda kollha prodotti u li diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.[4]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar il-5 ta' Dicembru 2018.[5]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar il-11 ta' Jannar 2021.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-prosekuzzjoni esebita nhar it-22 ta' Frar 2021.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tad-difiza esebita nhar il-25 ta' Marzu 2021.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

---

[3] Folio 73-75 ta' l-atti processwali

[4] Folio 77 ta' l-atti processwali

[5] Folio 63 ta' l-atti processwali

Illi dan il-kaz irrizulta meta fil-perjodu ta' Marzu 2017 u qabel meta gie rraportat mal-pulizija illi meta Raphael Attard Flores mar jigbor kopja ta' digriet li jitratta il-kaz ta' separazzjoni min mal-mara tieghu, nduna illi l-imputata kienet serqitlu certu informazzjoni u ritratti privati minghajr il-kunsens u l-gharfien tieghu u ghamlet uzu minnhom illegalment billi ipprezentathom lill-Qorti u ghaddiethom lill-membri tal-familja taghha.

Illi din il-informazzjoni u dawn ir-ritratti kienu mehuda minn *chat* privata ta' bejnhu u s-siehba tieghu Lourdes Bianchi, liema *chat* qatt ma kellha access ghalih jew permezz li tidhol fih u wisq inqas li tiehu kopji taghhom u tghaddihom lil hadd jew taghmel uzu minnhom.

Mill-investigazzjoni irrizulta li l-imputat kienet accessat il-kont tal-*Facebook* tal-vittma billi, minghajr il-permess tieghu kienet bidlitlu l-*passwords* tieghu u b'hekk dahhlet fil-kont tieghu u haditlu l-informazzjoni minghajr il-kunsens tieghu.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tal-20 ta' Dicembru 2017 xehed il-parte civile **Raphael Attard Flores**, fejn spjega li huwa ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni minn ma martu, l-imputata, u ghall-habta ta' Gunju 2016, li kien qisu xi xahar u nofs wara li telaq mid-dar matrimonjali, fis-sieghat bikrin ta' filghodu huwa kien ircieva notifika mill-Outlook li xi hadd kien bidillu kemm il-*password* tal-*email* kif ukoll il-password tal-Facebook.  Ftit minuti wara ircieva telefonata minghand l-imputata fejn fost diversi tghajjir u offizi, tat indikazzjoni li kienet

kisbet access ghall-Facebook u skopriet *chats* b'ritratti intimi tas-siehba prezenti tal-parte civile, Lourdes Bianchi. Dawn ir-ritratti gew murija ukoll lill-genituri tal-parte civile u gewipprezentati flimkien ma rikors quddiem il-Qorti tal-Familja ghall-habta ta' Frar 2017.

Fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2018 xehdet **Mary Rose Attard Flores**, omm il-parte civile, li spjegat li gurnata f'Gunju 2016 ghall-habta tas-06:00hrs kienet marret ghandhom l-imputata u talbet li jaghtuha *laptop* sabiex turihom binhom x'kien qed jaghmel. Permezz tal-*laptop*, hija dahhlet il-*password* u accediet fil-Facebook tal-parte civile u hemmek tela' ritratt ta' Lourdes Bianchi b'sidirha espost. Dak il-hin kien hemm prezenti t-tifla tal-partijiet, li kellha madwar hames snin, li rat ukoll ir-ritratt. Ix-xhud irrimarkat li filwaqt li hija ddispjacuta b'dak li saret taf, kienet daqstant dispjacuta bil-fatt li l-inputata fethet dawk l-affarijiet quddiem it-tifla. Mistoqsija kif taf li l-*password* kienet giet mibdula, ix-xhud spjegat li setghat tassumi dan minhabba li l-*password* li uzat l-imputata hija " Raphael liba" u taf dan ghax l-imputata bdiet tghidha hija u tittajpja. In kontro-ezami ix-xhud spjegat illi x'aktarx li f'dak iz-zmien, il-fornitur tas-servizz tal-internet taghhom kienet Melita u bhala *laptop* li kien intuza mill-imputata, kien taghha personali. Stqarret ukoll li hija ghandha Facebook *account* taghha u ghandha gharfien baziku ta' kif jahdem dan.

Fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2019 xehed in kontro-ezami **l-Ispettur Jeffrey Scicluna**, stazzjonat fl-Ghassa tal-Belt Valletta. B'referenza ghat-telefonata li allegtament saret mid-dar ta' omm il-parte civile lill-istess parte civile ghall-habta tas-06:00hrs, ix-xhud stqarr li l-Pulizija ma ghandhiex registrazzjoni ta' din it-telefonata u stqarr ukoll illi huwa ma kienx kellem lil hu l-imputata dwar l-*email* li huwa allegatament ircieva minghand l-imputata sabiex

jipprintjaha u li kien fiha r-ritratti indicenti ta' Lourdes Bianchi u lanqas ma kien sar kuntatt ma Facebook Incorporated sabiex jigi verifikat jekk tabilhaqq gietx mibdula l-*password* tal-Facebook tal-parte civile. Spjega li huwa kien baghat ghall-imputata gewwa l-Ghassa tal-Belt Valletta fl-10 ta' Marzu 2017 u stabilixxa li hija u l-parte civile kienu kienu mizzewgin izda kien hemm xi problem fiz-zwieg taghhom. In rigward tad-decizjoni tieghu li jipprocedi bl-akkuzi odjerni, huwa spjega li apparti r-rapport tal-parte civile, huwa kien strah ukoll fuq il-konferma minn naha tal-imputata stess li kienet hadet *screenshots* li kienet accessat minn fuq il-Facebook tal-parte civile. In rigward tal-involviment tas-Cyber Crime Unit, ix-xhud jidhirlu li kienu gew infurmati bil-kaz izda ma kienx hemm involviment ulterjuri minn naha taghhom.

Il-kontro-ezami tax-xhud tkompla fis-seduta tas-6 ta' Frar 2020. Huwa spjega li kien ircieva l-fajl relattiv lura minghand is-Cyber Crime Unit b'nota minn PC 569 kunjomhu Salamone li tghid li minhabba li kien ghadda certu perjodu ta' zmien wara li gara l-allegat incident, ma kienx hemm *data retention* u allura ma seta jsir xejn fuq il-kaz. Lanqas ma seta jikkonferma jekk effettivament is-Cyber Crime Unit kienux ghamlu kuntatt ma Facebook Incorporated. Mistoqsi jekk kienx jaf kemm kienet dibattuta s-seperazzjoni ta' bejn l-imputata u l-parte civile, ix-xhud spjega li seta' jinduna li kien hemm xi ostilità lejn xulxin imma ma kienx jaf il-mertu tal-każ per se. Mill-banda l-ohra, seta jikkonferma li l-parte civile huwa Surgent fil-Korp tal-Pulizija u kien sema ukoll li kienu nbdew proceduri ta' dixxiplina sabiex dan jitnehha mill-Korp. Kien konxju ukoll tal-fatt li r-rapport relattiv kien sar mill-parte civile wara li li l-imputata kienet uzat ir-ritratt indicenti ta' Lourdes Bianchi bhala prova quddiem il-Qorti tal-Familja. Ix-xhud eskluda li xi kompjuter kien gie elevat fl-investigazzjoni u ankè li kienu marru xi esperti fid-djar pispettivi tal-partijiet. Mistoqsi jekk kienx kellem lil Lourdes Bianchi fil-kors tal-

investigazzjoni, ix-xhud ikkonferma dan izda stqarr li ma kienx ha konjizzjoni tal-fedina penali taghha, u dan minhabba li hija giet mitkellma bhala xhud potenzjali u mhux bhala persuna suspettata.

Fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2020 xehed **il-Psikjatra Dr Anthony Zahra**, li wara li gie ezentat mis-sigriet professjonali, spjega li Lourdes Bianchi ilha taht il-kura tieghu sa mill-2018 u hija tbati minn *post traumatic stress disorder*, anzjetà ġeneralizzata b'sintomi ta' *personality disorder*. B'referenza ghall-mistoqsija hekk hijiex fi stat li tixhed fil-proceduri odjerni, spjega li mill-lat ta' *cognition*, kapaċi tixhed fis-sens tkun orjentata, taf x'inhi tgħid, tkun konsistenti fl-istorja tagħha, u dan għax ma hemm sintomi ta' psikożi. Mill-banda l-oħra, mill-lat emozzjonali hija differenti minhabba li ghaddejja minn żmien diffiċli ħafna fejn hija jkollha *suicidal thoughts* u tkun kajotika ħafna fl-imgieba tagħha. Dan kollu ġej minħabba t-trawma li għaddiet minnha f'ħajjitha kollha, speċjalment dik abbinata ma' sptarijiet, ma' Qorti u ma' preżenza ta' persuni professjonali legali. A bażi ta' dan, ix-xhud esprima l-opinjoni professjoanli li Bianchi ma ghandhiex tixhed.

Fl-istess seduta xehdet **Maria Dolores Fenech**, Assistent Reġistratur fil-Qrati Kriminali li  pprezentat lista ta' kawzi kriminali pendenti fil-konfront ta' Raphael Attard Flores, il-parte civile, u Theresa Cachia, l-imputata.[6]

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet legali**

[6] Dok MF1, Folio 112-113 ta' l-atti processwali

Illi l-akkuzi kontra l-imputata jikkoncernaw reati li gew introdotti fid-dritt penali taghna bl-Att III tal-2001 meta ddahhal is-Sub-titlu V taht it-Titolu IX tat-Taqsima Tnejn tal-Kodici Kriminali, L-Ewwel Ktieb, intestat Fuq l-Uzu Mhux Kif Dovut Tal-*Computer*.

Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha d-dover sabiex wara li tifli x-xhieda fuq traskritta tara jekk il-fatti specie tal-kaz jammontawx ghar-reati moghtija lill-imputata u cioe′ dawk principalment li jikkoncernaw *computer misuse* kif kontemplat fl-Artikolu 337C(1)(f)(g)(i) u (j) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta.

Il-Qorti tibda billi taghmel referenza ghal-kaz **Il-Pulizija vs Leonard Cutajar**[7] fejn intqal:

*Dan l-Artikolu tal-Kodici Kriminali kien ibbazat fuq il-Ligi dwar l-Uzu hazin tal-Kompjuter misjuba fil-legislazzjoni tar-Renju Unit tal-1990 fejn din il-ligi giet introdotta fir-Renju Unit biex timla llakuni fil-ligi kriminali ezistenti dak iz-zmien rigward l-uzu hazin ta' sistemi tal-kompjuter. Fil-fatt fir-rapport sostantiv tal-Kummissjoni dwar l-uzu hazin tal-kompjuter gie dikjarat illi:*

*"An increasing degree of interest and disquiet has become apparent in recent years in relation to the implications of, and the possible misuse of, the computerization that plays an ever growing role in public, commercial and indeed private life. In this report we are concerned with one aspect of that public concern: the misuse of computers or computer systems by parties other than those entitled to use or control those computers, either by simply seeking access to the computers or amending the information held in them for what may be a wide range of ulterior motives. Such conduct can be generically described by the title of this report, 'Computer Misuse'.*

*Fl-istess rapport gie konkluz li din il-ligi dwar l-Uzu hazin talKompjuter kienet intiza biex timmira ghar-reati ta' hacking u mhux ghall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali izda pjuttost ghall-integrita` tas-sistemi tal-kompjuter.*

[7] Qorti ta' Gudikatura Kriminali; Magistrat C. Stafrace Zammit; Kump 742/2015; Deciza 16 ta' Dicembru 2019

Referenza issir ukoll ghal-kaz **Il-Pulizija (Spettur Anne Marie Micallef) vs Jeanelle Grima**[8] fejn il-Qorti spejgat fid-dettal l-intenzjoni tal-legislatur meta giet introdotta din il-ligi.

*Ir-reati li jkkoncernaw l-uzu mhux kif awtorizzat fil-kompjuter jinsabu fis-subtitolu V tal-Kodici Kriminali intitolat 'Of Computer Misuse' u gie introdott permezz ta' Att VII tas-sena 2010 u emendat b'Att VII tas-sena 2015.*

*Il-Computer Misuse Bill li hareg ghad-dikussjoni pubblika nhar it-18 ta' Novembru 2000 kienet wahda mit-tlett bills li hargu sabiex jikkriminalizza reati konnessi mal-uzu hazin ta' kompjuter. Din kelha bzonn framework regolatorju sabiex ikollna socjeta' elettronika u jidher li dan kien l-ghan ewlieni tal-ligi li kienet qed tigi diskussa. Din il-ligi giet proposta sabiex jigi indirizzat dan il-fattur ta' uzu hazin. Kif jirrizulta mid-dibattiti parlamentari tas-seduta ta' l-1 ta' Novembru 2000 l-allura Onorevoli Ministru tat- Trasport u Komunikazzjoni il-Perit Censu Galea gie raportat li qal is-segwenti:*

*"madankollu rridu niehdu ukoll il-mizuri legislattivi, il-passi legali necessarji irid ikollna l-framework legali ukoll, li permezz tieghu min jipprova b'xi mod jabbuza minn dik l-informazzjoni li jkun hemm fuq is-sistemi li qieghdin insemmi attwalment ikun jista' jigi processat, attwalment tkun jista ukoll jittiehdu filkonfront tieghu l-passi legali..."*

*Pero' kif anke gie diskuss fl-istess seduta kif ser jigi rapportat, il-parlamentari hadu in konsiderazzjoni l-importanza li l-ligi nostrana tkun in linea ma' standards internazzjonali. Fis-sens li jkun hemm mhux biss ghajnuna reciproka internazzjonali f'materji ta' indole kriminali, izda li jkun hemm standardisation of offences, sabiex b'hekk ikun hemm uniformita' fir-reati. Ghalhekk il-mudell Malti huwa influwenzat bi kbir bil-konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa fuq Cybercrime u l-ligi Ingliza. L-allura Ministru tal-Gustizzja u Gvern Lokali Dr Austin Gatt meta kkummenta fuq dan il-Bill ta' Computer Misuse stqarr ssegwenti:*

[8] Qorti tal-Magistrati (Malta); Magistrat C. Scerri Herrera; Deciza 19 ta' Lulju 2016

*"… mhux bilfors irridu nehduhom (direttivi tal-UE, UN et al) in konsiderazzjoni. Mela nistghu ninjoraw l-istandards li qed taghmel l-Ewropa, li qed taghmel lAmerika, li qed jaghmlu l-Far East u li qed jaghmlu organizazzjonijiet Internazzjonali."*

*Cio' nonostante pero' l-ligi dwar computer misuse ma gietx promulgata bhala ligi separata kif hemm f'diversi pajjizi Ewropej izda integrata fil-kodici penali u ghalhekk il-ligi dwar computer misuse taghmel referenza biss ghal certi istanzi ta' uzu hazin tal-kompjuter fejn ir-reati tradizzjonali li jistghu jigu kommessi bluzu ta' kompjuter gew imwarrba.*

*M'hemmx dubju li t-tlett akkuzi li nghataw fil-konfront tal-imputata lkoll jitkellmu u jaghtu cirkostanzi meta jista' jinghad li hemm uzu hazin ta' kompjuter. Huwa difficli hafna li tinghata definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi uzu hazin ta' kompjuter ghaliex kwalsiasi definizzjoni li tinghata trid ikollha tibdil kontinwu peress li t-teknologija li tintuza ghal kreazzjoni ta' reat fuq kompjuter tinbidel fi zmien qasir.*

*Peress illi din il-ligi hija modellata fuq il-ligi Ingliza maghrufa bhala Computer Misuse Act 1990 jkun utli li din il-Qorti tara jekk f'dik il-ligi nghatatx tifsira propizja. Fl-Artikolu 1 tal-Ligi Ingliza nsibu li l-access irid ikun mhux awtorizzat sabiex ikun hemm reat ta' computer misuse. Richard Card fil-ktieb tieghu intitolat 'Criminal Law' jghid li dan ghandu jkun "Access of any kind by a person is unauthorised if he is not entitled to control access of the kind in question to the program or data and he does not have access of the kind in question to the program or data and he does not have consent to such access from any person who is so entitled."*

*Blackstone fil-ktieb tieghu intitolat Criminal Practice jiddiskrivi dan l-unauthorised access billi jipprovdi is-segwenti:*

*"Access of any kind by any person to any program or data held in a computer is unauthorised if*

*(a) he is not himself entitled to control access of the kind in question to the program or data and*

*(b) He does not have consent to access by him of the kind in question to the program or data from any peson who is so entitled"*

*Infatti fil-ktieb intitolat Computer Law ippublikat minn Reed u Angel b'referenza ghal Computer Misuse Act tar-Renju Unit, jinghad hekk: "First, there must be 'intent to secure access to any program or data held in any computer. . . . Second, the person must know at the time that he commits the actus reus that the access he intends to secure is unauthorised. The intent does not have to be directed at any particular program."*

*Illi din il-materja hija pjuttost gdida ghall-Qrati Maltin tant li ma ssibx wisq gurisprudenza li taghti konfort lil min qed jiddeciedi kawzi bhal dawn. L-Artikoli 337 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregolaw din il-materja u cioe` l-Artikolu 337 huwa pjuttost miftuh ghal interpretazzjoni.*

Illi fil-ligi Ingliza nsibu t-test fil-Computer Misuse Act 1990.

Il-Computer Misuse Act 1990 tghid:

*1. – (1) A person is guilty of an offence if –*

*(a) he causes a computer to perform any function with intent to secure access to any program or data held in any computer;*

*(b) the access he intends to secure is unauthorised; and*

*(c) he knows at the time when he causes the computer to perform the function that that is the case.*

*(2) The intent a person has to have to commit an offence under this section need not be directed at –*

*(a) any particular program or data;*

*(b) a program or data of any particular kind; or*

*(c) a program or data held in any particular computer.*

*(3) A person guilty of an offence under this section shall be liable –*
*(a) on summary conviction in England and Wales, to imprisonment for a term not exceeding 12 months or to a fine not exceeding the statutory maximum or to both;*
*(b) [Scotland.]*
*(c) on conviction on indictment, to imprisonment for a term not exceeding two years or to a fine or to both.*

Skond **Archbold 2021**[9]

*The words of s.1(1)(a) should be given their plain and ordinary meaning; an offence under the section need not involve the use of one computer to secure access to another; the section is also contravened where a person causes a computer to perform a function with intent to gain unauthorised access to any program or data held in the same computer:* ***Att.-Gen.'s Reference (No. 1 of 1991) [1993] Q.B. 94, CA*** *.*

*It is unclear whether an offence is committed under s.1 by a person who is authorised to secure access to computer material, but does so for unauthorised purposes.*

Illi fir-rigward ghall-intenzjoni mehtiega fir-reati ta' uzu hazin ta' kompjuter **Blackstone** jghid:

*"There are two limbs to the mens rea of the offence. The first limb is the intent to secure access to any program or data held in any computer. …. Recklessness is insufficient; still less would careless or inattentive accessing of the computer suffice for liability. The second limb is that the accused must know at the time when he causes the computer to perform the function that the access which he intends to secure is unauthorised. The prosecution must prove both limbs."*[10]

[9] Archbold Criminal Pleadings, Evidence and Practice 2021, 23-87, Folio 2634
[10] Vide **DPP vs Bingell u DPP vs Allison**

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Il-Pulizija vs Roderick Sammut**[11] fejn in sostenn ta' dak li jghid Blackstone izid:

*Illi l-hsieb tal-legislatur, fil-fehma ta' din il-Qorti, allura kien dak li jissanzjona l-att materjal li huwa deskritt fil-ligi ingliza bhala "unauthorised use of authorised access" u allura tirrizulta l-htija meta l-awtur tar-reat jikseb access sabiex jottjeni informazzjoni kunfidenzjali ghal uzu hazin jew skopijiet mhux legittimi.*

Ir-reati ipottizzati fis-subartikoli ta' l-artikolu 337C bhalma huma del resto r-reati l-ohra f'dan l-artikolu huma kollha dipendenti fuq element krucjali, tal-awtorizzazzjoni jew in-nuqqas taghha. Fit-termini tas-subartikolu (2) tal-artikolu 337C, persuna titqies li tagixxi minghajr awtorizzazzjoni jekk ma tkunx debitament awtorizzata minn persuna intitolata; u persuna titqies bhala persuna intitolata jekk il-persuna nnifisha jkollha jedd tikontrolla l-attivitajiet imfissra fis-subartikolu (1)(a) sa (j) jew fl-artikolu 4(a) u (b) tal-artikolu 337C.

**Richard Card**, fil-ktieb tieghu 'Criminal Law'[12] jghid:

*"Access of any kind by a person is unauthorised if he is not entitled to control access of the kind in question to the program or data and he does not have access of the kind in question to the program or data and he does not have consent to such access from any person who is so entitled."*

Finalment l-artikolu 337F(6) tal-Kodici Kriminali jitfa' l-oneru tal-prova fuq l-imputata sabiex tipprova li kellha dik l-awtorizazzjoni, jew inkella, li kien hemm ghan legittimu:

*(6) Il-prosekuzzjoni ma tkunx meħtieġa li ġġib provi biex twaqqa' l-effett ta' xi awtorizzazzjoni meħtieġa taħt dan is-Subtitolu u l-oneru li tinġieb prova dwar awtorizzazzjoni bħal dik ikun jinkombi fuq il-persuna li tkun qed tallega li għandha*

[11] Qorti ta' l-Appell Kriminali; Imhallef Edwina Grima; Deciza 30 ta' Settembru 2020; Appell Numru 141/2019
[12] Butterworths 1998 Edition, Folio 381

*dik l-awtorizzazzjoni: Iżda dan l-oneru ma għandux jitqies bħala li jkun tneħħa biss bix-xiehda mhux korroborata tal-persuna akkużata.*

Illi dan kollu gie imfisser b'mod car fis-sentenzi ta' din il-Qorti diversament preseduta mill-Imhallef Edwina Grima fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Shirley Sawyer u Charmaine Grech** App 376/13 tas-27 ta' Frar, 2019 u **Il-Pulizija vs Jeanelle Grima** App 403/16 tas-26 ta' Gunju 2019 u mill-Imhallef Giovanni Grixti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Balzan** App 377/2016 tat-2 ta' Marzu 2020 li ghalihom qed issir pjena referenza.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Leeroy Balzan** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet ezami *funditus, inter alia,* dwar awtorizzazzjoni[13]:

*Pulizija jigi meqjus bhala persuna awtorizzata sabiex tkun tista' taccessa s-sistema tal-PIRS minn dakinhar illi jkun sworn in fil-Korp. ......*

*Issa s-sub-titolu V ghat-Titolu IX tal-Kodici Kriminali ……. ligi giet immodellata fuq il-Computers Misuse Act 1990 ta' l-Ingilterra. Issa din il-ligi kellha l-ghan li tirregola tlett tipi ta' reati u cioe':*

*1. L-access mhux awtorizzat ta' materjal li jinsab f'kompjuter.*

*2. L-access mhux awtorizzat bl-intenzjoni illi jigi facilitat l-kummissjoni ta' reati ohra.*

*3. It-tibdil jew modifikazzjoni ta' materjal mhux awtorizzat.*

Illi dan ifisser illi l-ghan tal-ligi kienet wahda u cioe' li tissanzjona kull access mhux awtorizzat ta' materjal/data li jinsab/tinsab mahzun/a f'sistema komputerizzata.

[13] Deciza 26 ta' Ottubru 2017; Onor Imhallef Edwina Grima; Appell Numru: 124/2017

Illi ghalhekk irid jigi stabbilit jekk l-imputata kelliex awtorizzazzjoni mehtiega meta accessat il-emejl u *Facebook* tar-ragel taghha u hadet *screen shot* tar-ritratti fic-*chat* tieghu u konsegwentement ipprezentathom il-Qorti.

**Ikkunsidrat**

**Provi tal-prosekuzzjoni**

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Jeffrey Scicluna[14] irrizulta li l-pulizija kienet ircivet rapport minn naha ta' Lourdes Bianchi u Rafael Attard Flores fejn spejgaw li f'proceduri ghadejjin il-Qorti bejn l-imputata u Raphael Attard Flores gie presentat dokument fejn juri ritratt esplicitu ta' Lourdes Bianchi li ttiehed minn fuq il-*Facebook messenger* ta' Raphael Attard Flores. Illi dan ir-ritratt ittiehed minghajr il-permess u l-gharfien tieghu u li qatt ma ta dritt lill-imputata li tidhol fil-kont tieghu u tehodlu kopja ta' dawn ir-ritratti.

Waqt l-investigazzjoni tal-kaz irrizulta li s-sezzjoni tal-s-sezzjoni tal-*cyber crime* ma setghux isibu tracca ta' kif kien ghadda dan ir-ritratt minhabba l-fatt li kienu ghaddew aktar minn sitt xhur minn meta ttiehed ir-ritratt u l-perjodu ta' *data retention* kien skada.

Ix-xhud tenna li meta kienet giet mitkellma l-imputata din ammettiet li kienet dahhlet fil-kont tal-*Facebook* ta' Raphael Attard Flores minhabba li kienu juzaw l-istess computer u l-*password* ta' dan il-kont kien jinsab *saved* hemmhekk u hadet *screen shots* ta' dawn ir-ritratti u *chats* li kien hemm bejn Raphael Attard Flores u Lourdes Bianchi.

Madankollu l-istqarrija ta' l-imputata, kif ukoll id-dokument dwar id-drittijiet legali ghal xi raguni qatt ma gew ipprezentati quddiem il-Qorti mill-prosekuzzjoni. Il-prosekuzzjoni taghmel referenza ampja ghalihom fin-nota

[14] Folio 20-22 ta' l-atti processwali

tas-sottomissjonijiet finali taghha kif ukoll fl-istess xhieda ta' l-ufficjal prosekutur. Fin-nota ta' sottimissjonijiet finali tal-prosekuzzjoni gie wkoll relevat li l-imputat kienet sahansitra anke hadet parir minnghand l-avukat tal-ghazla taghha, Dr Chris Scicluna, u dan minkejja l-fatt li l-ufficjal prosekutur qatt ma xehed dan il-fatt jew ipprezenta prova ta' dan id-dokument jew jirrizulta minn provi ohra bhal per ezempju l-okkorenza tal-pulizija.

*"Ghal daqstant, is-sottoskritt kien bghat ghall-imputata Therese Attard Flores nhar l-10 ta' Marzu 2017 sabiex tittiehed stqarrija. Din l-istqarrija ttiehdet gewwa l-ufficju tas-sottoskritt gewwa l-ghassa tal-Pulizija fil-Belt Valletta u wara li inghataq id-drittijiet legali kollha. Therese kienet ghazlet sabiex tikkonsulta ma' avukat tal-ghazla taghha, u cioe' Dr. Chris Scicluna LL.D. Wahda mill-mistoqsijiet illi kienet saritilha hija:*

***"Inti qatt accessajt il-'Facebook' ta' Raphael minghajr il-kunsens tieghu?"***

*Fejn hija kienet wiegbet hekk:*

***"Jiena dhalt darba biss fuq l-account tieghu. Meta kien telaq mid-dar u jien ma kontx naf x'sar minnu u dhalt biex nara hemmx hjiel ta' fejn qieghed u sibt dawk ic-chats li presentajt il-Qorti."***

*Mistoqsija jekk kinitx bidlet il-password ta' 'Facebook ta' Raphael, hija kienet wiegbet li ma tiftakarx."*

Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li n-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni serviet sabiex tipprovdi fatti godda li ma jiffurmax parti mix-xhieda integrali li nghatat, kif ukoll issir referenza u issiru kwotazzjonijiet minn dokumenti li qatt ma gew esebiti f'ebda stadju tal-proceduri.

Naturalement huwa ben fatt li *quod non est in atti non est in mundo* u ghalhekk il-Qorti ma tistax qatt tistrieh fuq forma ta' xhieda gdida f'dan l-istadju

minghajr ma gie misjub u nghata dritt mill-Qorti sabiex tigi pprezenta provi jew informazzjoni gdida f'dan l-istadju.

Il-Qorti ghalhekk qed tigi mitluba tistrieh fuq amissjoni li l-prosekuzzjoni ttenni li sarret waqt l-interrogazzjoni ta' l-imputata stess meta qatt ma tressqet prova ta' din l-istqarrija u qatt ma tressqet prova li nghatat id-drittijiet legali taghha dwar id-dritt legali taghha. In fatti l-konferma o meno li l-imputata inghatat dritt tal-jedd ta' parir legali ssir biss fin-nota ta' sottomissjonijiet u mhux ghaliex temergi minn xi provi jew xhieda in atti.

Il-Qorti taghmilha cara li n-noti ta' sottomissjonijiet jew trattazzjonijiet orali qatt ma jistghu jintuzaw sabiex jitressqu provi godda jew informazzjoni gdida wara li jkunu nghalqu l-istadji rispettivi tal-provi tal-partijiet.

Il-Qorti tikkunsidra wkoll li m'ghandhiex serhan tal-mohh li din l-'hekk imsejha' ammisjoni li saret mill-imputata lill-ufficjal prosekutur effettivament saret, u li saret legalment u dan in vista tal-fatt li qatt ma gew esebiti d-dokumenti relattivi bhala prova li l-imputata nghatat id-dritt legali taghha li tikkonsulta ma' avukat tal-fiducja taghha, fost salvagwardji procedurali ohra. Din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax ukoll dwar in-nuqqas tal-prosekuzzjoni li tezebixxi l-istqarrija meta l-prosekuzzjoni stess tiddikjara li din kienet il-prova ewlenija, flimkien mal-kwerela tal-parti leza, ta' l-ghalfejn tressqet l-imputata bl-imputazzjonijiet mertu ta' din il-kawza.

**Ikkunsidrat**

Mix-xhieda ta' l-ufficjal prosekutur irrizulta li l-vittma Raphael Attard Flores kien ircieva messagg li l-*password* tal-kont tal-*Facebook* tieghu kien gie mibdul. Dan il-*password,* skond ix-xiehda, kien gie mibdul wara li xi hadd kien dahallu

fl-*account*-tal-email tiegħu, u għamillu *reset* tal-*password* tal-*account* tal-*Facebook* tiegħu.

In kontro ezami x-xhud ikkonferma li ma għamilx verifiki ma ħu l-imputata jew il-kumpannija *Facebook Incorporation* sabiex jiddetermina l-veracita ta' dawn il-fatti u dan minħabba l-fatt li l-investigazzjoni tas-Cyber Crime Unit irrizultat fin-negattiv minħabba t-trapass taz-zmien li kien għadda u li per konsegwenza, id-*data retention period* kien skada. Min-naħa tiegħu, l-ufficjal prosekutur jiddikjara li ma għamilx verifiki tal-*passwords* u minkejja li jgħid li kien kellem lill-imputata u taħa s-soliti drittijiet tagħha, ma tressqitx prova ta' dawn id-drittijiet li ngħatawla u lanqas ta' dak li allegatament iddikjarat.

Mix-xhieda ta' Raphael Attard Flores[15] irrizulta wkoll li hu u l-imputata kienu għaddejjin proceduri ta' separazzjoni. Huwa jgħid li madwar xahar u nofs wara li kien telaq mid-dar ircieva notifikazzjoni minn fuq l-*Outlook* tiegħu li xi ħadd kien bidillu kemm il-*password* tal-imejl kif ukoll tal-kont tal-*Facebook* tiegħu. Ftit tal-ħin wara li kien ircieva din in-notifikazzjoni kienet ċemplitlu l-imputata tgħajjru u toffendieh filwaqt li wrietu li kienet accessatlu l-kont tal-*Facebook*.

*"….fost tgħajjir u toffendini u hekk urietni li għamlet l-access għal Facebook u kienet ilha tgħidli li trid tibdilli l-password għaliex kienet tgħidli x'hemm u x'ma hemmx fuq Facebook, x'sibtlek u x'ma sibtlekx.*

…

*Mela hi qalet illi sabitli chat fejn kien hemm anke xi ritratti intimi ta' li illum hija l-partner attwali tiegħi.*

…..

[15] Folio 24-26 ta' l-atti processwali

*Il-partner tieghi jisimha Lourdes Bianchi. Kien hemm konfuzjoni fejn anke hi meta cemplitli dak il-hin kienet qieghda d-dar ta' ommi u ommi cempluli nkwetati li anke sahansitra marret bil-laptop turi dawn ir-ritratti lil ommi. Issa dan ahna qeghdin nitkellmu dak il-hin kienu madwar il-hamsa ta' filghodu jew is-sitta ta' filghodu u kien hemm paniku kbir. Issa mbaghad irrizulta maz-zmien li b'rikors fil-qorti hija dahlet dan ic-chat u dan ir-ritratt tal-partner tieghi u mill-karta tal-qorti jirrizulta wkoll illi c-chat giet printjata u fil-print taghha hemm miktub illi mill e-mail taghha intbaghat lil huha u ovvjament printjaha huha dan ic-chat kollu flimkien mar-ritratt."*[16]

Ix-xhud ikkonferma li dawn ir-ritratti gew esebiti f'kawza aktar kmieni dik is-sena, fi Frar, quddiem l-Onorevoli Imhallef Abigail Lofaro b'risposta tal-istess imputata quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tal-medjazzjoni ta' bejha u bejn il-parti civile Raphael Attard Flores.

Fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2018, il-prosekuzzjoni iddikjarat li fil-mori tad-differiment l-Avukat Generali kien ipprezenta rikors, bid-data ta' l-4 ta' Dicembru 2017, quddiem il-Qorti tal-Familja fejn talab sabiex id-dokumenti sigillati fl-atti tal-procedura quddiem dik il-Qorti jigu mqieghda ghad-dispozizzjoni ta' din il-Qorti fil-kawza prezenti.[17]

Wara digriet tal-istess Qorti tal-Familja ir-ritratt relattiv kien gie sussegwentement esebit mill-prosekuzzjoni[18] u miftuh mis-sigill tieghu in segiwtu ta' verbal tal-Qorti, kif kienet diversament preseduta, ta' nhar il-5 ta' Dicembru 2018.[19]

Mix-xhieda ta' Mary Rose Attard Flores irrizulta li l-imputata kienet marret ghandha nhar it-2 ta' Gunju 2016 fis-sitta ta' filghodu u riedet turiha xi affarijiet minn fuq kompjuter. Wara li tawha access ghal *laptop* minn

[16] Folio 25 ta' l-atti processwali
[17] Folio 27 ta' l-atti processwali
[18] Dok A, Folio 48 ta' l-atti processwali
[19] Folio 62-63 ta' l-atti processwali

taghhom, skond ix-xhud, l-imputata dahlet *"bil-password u l-password personali tat-tifel tieghi Raphael Attard Flores...dahlet fic-chat personali tieghu."*[20]

Ix-xhud spejgat li dahhlet

*"fic-chat personali tieghu li juza ta' Facebook jigifieri, u dahlet bil-password ovvja, biddlitha ghax il-password li uzat ovvja ma kinitx tat-tifel.*

…

*U minn hemmhekk imbaghad dahhlet fic-chat personali tieghu u urietna ritratt ta' Lourdes b'sidirha barra."*

Meta giet mistoqsija biex tikkonferma kif taf li l-imputata biddlet il-*password* jew dahhlet fuq il-*Facebook* ta' binha tenniet li

*"Ghax il-passowrd li uzat, anke kif ghamlitha jiddispjacini nghidha imma l-kelma li uzat hija 'Raphael liba' li mhijiex password zgur li ma juzax it-tifel tieghi."*[21]

In kontro ezami x-xhud ikkonfermat li kienet taf li din hija l-*password* uzata mill-imputata minhabba l-fatt li kienet l-imputata stess li qalitilha x'inhi u kitbitha quddiemha meta marret biex taccessa l-kont mil-*laptop* tax-xhud.

Fl-udjenza tad-29 ta' Settembru 2020,[22] ix-xhud Lourdes Bianchi ddikjarat li qed tirrinunzja ghall-kwerela li hija gia ghamlet u ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta' l-imputat safejn tali azzjoni hija rinunzjabbli stante li qed tahfer lill-imputata.

Di piu x-xhud informat il-Qorti li fil-mori tal-kawza ghaddiet minn problemi serji ta' sahha mentali u li ma tikkonsidrax li hija f'posizzjoni li kapaci tixhed u fil-prezent qeghda taht il-kura tal-Psikjatra Anthony Zahra.

[20] Folio 34 ta' l-atti processwali
[21] Folio 35 ta' l-atti processwali
[22] Folio 96 ta' l-atti processwali

Meta xehed il-psikjatra Anthony Zahra[23] iddikjara li x-xhud Lourdes Bianchi kien ilu jsegwiha ghal xi sentejn u ma kienitx fi stat li taghti x-xhieda taghha u dan in vista tal-fatt li tbati minn *post traumatic stress disorder* kif ukoll minn ansjeta' generali u ghandha wkoll sintomi ta' dizordni tal-personalita li kienu qed iwassluha ghal hsibijiet u tendenzi suwicidjali.

Id-difiza ta' l-imputat tishaq li l-fatt li Lourdes Bianchi ma regghetx telghet tixhed u ghazlet li tirrinunzja dak li huwa rinunzjabbli ifisser li r-ritratt esebit mill-prosekuzzjoni mhuwiex ikkonfermat bhala d-dehera taghha kif ukoll ma hemmx prova li kienet hi li kienet qed tikkomunika ma Raphael Attard Flores permezz ta' Facebook u li kienet ghaddietlu r-ritratt taghha. B'hekk ir-regola tal-*best evidence* u l-ahjar prova ma gewx soddisfatti mill-prosekuzzjoni skond dak mitlub fl-artikoli 520(1)(d) u 638(1) tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 559 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

**Ikkunsidrat**

**L-imputazzjonijiet li bihom giet mixlija l-imputata**

Kif gja' inghad, l-imputazzjonijiet kollha li bihom giet mixlija l-imputata huma dawk taht il-paragrafi tal-Artikolu 337C(1). Hija tinsab akkuzata, taht il-paragrafi (f), (g), (i) u (j) tal-istess disposizzjoni. Ghalkemm ir-reati li bihom tinsab mixlija huma simili, jittrattaw atti distinti.

Il-paragrafu (f) tal-Artikolu 337C (1) jitkellem dwar min, minghajr awtorizzazzjoni, jiehu l-pussess ta' xi data, jew jaghmel uzu minnhom. Min-naha l-ohra, il-paragrafu (i) jitkellem dwar meta persuna, minghajr awtorizzazzjoni, tuza l-kodici ta' dhul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku, jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f'computer jew b'xi mod tikser kwalunkwe mizura ta' sigurta' sabiex takkwista access minghajr awtorizzazzjoni ghas-sistema tal-

[23] Folio 104-111 ta' l-atti processwali

informatika kollha jew parti minnha. Il-paragrafu (j), finalment, jitkellem dwar il-kxif ta' xi data, kemm-il darba dan ma jkunx mehtieg fil-qadi ta' dmirijietha jew b'xi ligi ohra, dejjem wara li jkun inkiseb access minghajr awtorizzazzjoni.

Issa dwar dawn it-tliet imputazzjonijiet (ossija l-ewwel, it-tielet u r-raba'), mhemmx dubju li l-akkadut mertu ta' din il-kawza jiffigura fir-rekwiziti ta' dawn il-paragrafi. Fi kliem iehor, m'hemmx dubju li xi hadd ha pussess ta' data (ossija ritratt)[24], minghajr l-awtorizzazzjoni tal-*account holder*, Raphael Attard Flores. M'hemmx dubju wkoll li xi hadd uza l-kodici ta' dhul jew password, kif ukoll il-*username* (jew isem l-utent) biex acceda ghall-*Facebook Account* tal-parti leza Raphael Attard Flores, u biex mill-istess *account* ittiehed ir-ritratt. Dik l-istess data giet ukoll mikxufa, tant li giet ezebita f'risposta fl-atti ta' proceduri quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), dejjem minghajr awtorizzazzjoni – u minghajr ma jirrizulta li tali kxif kien mehtieg fil-qadi ta' min seta' kixef jew li tali kxif kien mehtieg b'xi ligi.

L-atti kollha mertu ta' dawn it-tliet paragrafi (u ghalhekk tliet reati) taht l-artikolu 337C (1) tal-Kodici Kriminali, fil-fehema ta' din il-Qorti jirrizultaw pruvati. Jirrizultaw provati mhux biss mix-xiehda moghtija minn Raphael Attard Flores u ta' ommu, izda anke mill-kopji tar-rikors u risposta relattivi quddiem il-Qorti tal-Familja li jinsabu ezebiti fl-atti ta' din il-kawza. M'hemmx dubju li r-ritratt, kif jikkonferma x-xhud Raphael Attard Flores, kien jinsab f'*chat* fuq l-*account* tieghu. M'hemmx dubju wkoll li huwa ma kienx ta access ta' dan l-*account* lil martu, li maghha kellu proceduri ta' separazzjoni ghaddejjin. Di piu', u dejjem ai termini tal-artikolu 337F (6) tal-Kodici Kriminali, kien jinkombi fuq l-istess akkuzata li tipprova *hi* li hija kellha l-awtorizzazzjoni biex taccedi d-data tal-parte leza u dan in kwantu l-

[24] Ghalkemm jinghad li ttiehdet kopja ta' *chat*, din ukoll ma gietx prezentata mill-prosekuzzjoni

istess disposizzjoni tinverti l-oneru ta' dik il-prova fuq l-imputata. Din il-prova, l-imputata ma gibitiex.

Dwar il-fatt li kienet jew ma kinitx l-imputata li, allura, accediet fl-account tal-parte civile, minkejja li din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li l-prosekuzzjoni setghet gabet provi *ohra*, in sostenn tal-allegazzjonijiet maghmula mill-parti civile, dan ma jfissirx li b'daqshekk l-imputazzjonijiet ma gewx provati.

Il-Qorti tqis li l-provi cirkostanzjali, maghduda ma' dawk diretti, u mal-atti tal-Qorti tal-Familja, ma jhallux dubju ragonevoli dettat mir-raguni li kienet proprju l-imputata li accediet ghall-*account* ta' Raphael Attard Flores, u li skarikat, mill-istess *account,* ir-ritratt in kwistjoni. Fil-fatt, ghalkemm mill-kontro ezamijiet li saru, id-difiza bhal donnha tipprova tiggustifika d-dhul tal-imputata fl-account ta' Raphael Attard Flores billi tinsinwa li l-*password* u l-*username* ta' l-istess parte civile kien issejvjat b'mod awtomatiku fuq il-*laptop* tad-dar, b'daqshekk ma jfissirx li l-imputazzjonijiet ma jirrizultawx, in kwantu anke l-imputazzjoni taht il-paragrafu (i) tirrizulta bis-semplici uzu mhux awtorizzat. Kien imbaghad jinkombi fuq l-imputata li tipprova li hija kienet, effettivament, u ghal xi raguni jew ohra, awtorizzata li taccedi ghad-data tal-parte civile.

L-artikolu 337C (2), fil-fatt jghid hekk:

> *(2) Għall-għanijiet ta' dan is-Sub-titolu:*
>
> *(a) persuna titqies li taġixxi mingħajr awtorizzazzjoni jekk ma tkunx debitament awtorizzata minn persuna intitolata;*
>
> *(b) persuna titqies bħala persuna intitolata jekk il-persuna nnifisha jkollha jedd tikkontrolla l-attivitajiet imfissra fis-subartikolu (1)(a) sa (j) jew fl-artikolu 4(a) u (b) ta' dan is-Sub-titolu.*

Meta wiehed jaqra dan is-subartikolu, flimkien mal-artikolu 337F(6), jista' jasal ghall-konkluzjoni li l-imputata ma kinitx, effettivament persuna intitolata jew awtorizzata.

Di piu', skond l-artikolu 337C (4), "*persuna li minhabba li jkollha fil-kustodja taghha jew taht il-kontroll taghha xi data, computer software jew dokumentazzjoni ta' appogg li ma tkunx awtorizzata li jkollha, ghandha titqies bhala li tkun hadithom fil-pussess taghha*".

Dwar dan, il-Qorti tqis li m'hemmx dubju li l-imputata kellha fil-kustodja taghha, jew fil-pussess taghha, id-data (ossija r-ritratt) li hija ghazlet li tghaddi lill-avukat tal-fiducja taghha fl-atti tal-medjazzjoni, u li tezebieh b'risposta fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja.

Illi kif diga inghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Jeanelle Grima**

*Il-prevenzjoni ghall-access dejjem kien ta' interess ghal komunita' tal-kompjuters u dan sa mill-bidu taghhom kif hemm indikat fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa No 89(9) li jipprovdi dwar "The prevention (or hindering) of access has grown to be a grave offence in todays information usability or intelligibility, the mere act of output is rendered illegal".*

*Dan l-artikolu 337C (f) ghandu jinqara' flimkien mal-Artikolu 337C (4) li jipprovdi s-segwenti: (4) "Għall-għanijiet tas-subartikolu (1)(f), persuna li minħabba li jkollha fil-kustodja tagħha jew taħt il-kontroll tagħha xi data, computer software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li ma tkunx awtorizzata li jkollha, għandha titqies bħala li tkun ħadithom fil-pussess tagħha". Dawn iz-zewg Artikoli jipprovdu ghas-serq ta' strutturi inkorporali ta' data, software u dokumentazzjoni ta' appogg. Il-kelma 'serq' hawnhekk hija uzata b'mod literali u dan b'mod distint minn dak li komunement huwa mifhum 'bittehid tal-oggett' jew 'making use of both implies the tangible loss of information from the rightful owner and in the case of software often a breach of other laws (such as the Copyright Act).'*

*L-artikolu 337C (4) jiffacilita id-dover tal-Prosekuzzjoni billi jipprovdi li t-tehid mhux awtorizzat ta' data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg jimplika li dik il-persuna hadet il-pussess ta' dak l-oggett u dan l-agir jaqa' fil-parametri tas-sub inciz (f) tal-Artikolu 337C. Din il-kjarifika tipprovdi li l-persuna li ghandha l-pussess ta' tali materjal ma tistax tghid li ghandha pussess accidentali jew jekk taghmel hekk trid tipprova li ma kinitx taf b'tali pussess jew ma kellha l-ebda intenzjoni li jkollha tali pussess.*

Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghal kaz **The Police vs Tomie Makita sive Tomie McCarthy**[25] fejn gie spejgat id-differenza bejn l-artikolu 377C(1)(f) u 377C(1)(g):

*Mainly this sub-article was introduced to curtail any copying of data which is commonly known as software piracy. This offence means that there is copying of data, software or other documentation which was not authorised. In this case copying does not include transfer. If a document is stored in one place and transferred to another place is not copying as found under this article. But would fall under sub-article 337C(1) (g) but the accused was not charged with.*

Dwar is-sufficjenza tal-provi tal-actus reus minn naha tal-prosekuzzjoni fil-ktieb **Cyber Crime – Law and Practice**[26]**,** l-awtur **Matthew Richardson** jghid:

*"The actus reus of the offence under section 1 of the CMA 1990 is substantiated by causing a computer to perform 'any function' in order to secure access to it. In practice, therefore, the actus reus can be substantiated by relatively innocuous acts.*

*Given the common sense meaning of section 1(1) of the CMA 1990 read alongside the interpretative provisions in section 17(2)(c) and (3), a simple act such as opening of a file on a computer can substantiate the offence, even if it is not apparent what (if any) data the file may contain. The broad scope of the actus reus of the offence under section 1 of the CMA 1990 was illustrated in Ellis v. DPP (No. 1) [2001] EWHC 362*

[25] Court of Criminal Judicate, Magistrate Dr. C. Farrugia Frendo, 16th October 2020
[26] Cyber Crime: Law and Practice; 2014; Folio 5

*(Admin), in which the appellant appealed by way of case stated three convictions under section 1 for using non-open access computer facilities at a university. As a graduate of the university, the appellant had been authorized to use only the open access computer facilities at the university (such authorization did not extend to the restricted access facilities). The appellant was able to use the non-open access computers by using terminals which had been logged on to the accounts of bona fide authorized users. He admitted using those computers to browse the internet. Whilst the appellant did not make representations at appeal, it is noted in the judgment that the appellant in his police interview equated such use to picking up and reading someone's discarded newspaper. A skeleton argument submitted by the appellant earlier in the proceedings argued that the browsing did not constitute the 'use' of the computers for the purposes of the CMA 1990 as the appellant had browsed already activated sites, i.e. that he had merely pressed the 'back' button on the internet browser. This argument did not find favour with the Administrative Division and the Appeal was dismissed".*

**Ikkunsidrat**

Fir-rigward it-tieni imputazzjoni, ghall-kuntrarju, taht il-paragrafu (g), l-imputata qed tigi akkuzata li installat, jew nehhiet, jew biddlet, jew li ghamlet il-hsara, jew hassret, jew iddeterjorat jew razznet, jew qerdet jew varjat jew ziedet ma' xi data, software, jew dokumentazzjoni ta' appogg, jew altrimenti rrendiet data bhal din inaccessibbli.

M'hemmx dubju li l-prosekuzzjoni ghazlet li tmexxi kontra l-imputata taht dan il-paragrafu peress li hija akkuzata li **biddlet** il-*password* tal-*account* tal-Facebook tal-parte civile, b'mod li rrendiet l-informazzjoni u d-data ta' dak il-kont, inaccessibbli ghalih.

Din il-Qorti tqis li fir-rigward ta' dan il-paragrafu l-ligi ma tikkontemplax xi inverzjoni tal-oneru tal-prova, il-ghaliex ma jinkombix fuq l-imputata li

tipprova li hija "ma biddlitx" xi data, skond l-istess akkuza. L-artikolu 337F (6) jitkellem biss dwar l-'awtorizzazzjoni'. Izda l-*actus reus* mehtieg fil-paragrafu (g) tal-Artikolu 337C (1) jehtieg li jigi pprovat li l-imputata mhux biss accediet ghal xi data ta' haddiehor, izda li *biddlet* xi data jew li rrendiet dik id-data inaccessibbli.

Din il-prova, il-prosekuzzjoni ma ggibiex u tistrieh biss fuq stqarrija li baqghet ma ezebietx u fuq id-dikjarazzjoni ta' Raphael Attard Flores li huwa kien ircieva email li qaltlu li nbidillu l-*password*. Il-prosekuzzjoni setghet iggib il-prova ta' x'kien il-*password* skond il—vittma, x'kien il-password fid-data tal-imputazzjoni, u d-data ta' meta sar il-password il-gdid mill-parte civile. Din l-ahjar prova, pero', baqghet ma ngibitx jew ma saritx, u ghalhekk il-Qorti ma thossx li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova, sal-grad rikjest mil-ligi l-imputazzjoni kif dedotta taht l-artikolu 337C (1) (g).

Ghalkemm id-difiza taghmel referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Domenico Savio Micallef**[27]**,** fost referenzi ohra, b'referenza ghan-nuqqas ta' l-ahjar prova migjuba mill-prosekuzzjoni.

F'din is-sentenza, il-Qorti tenniet:

*"Iżda jekk mill-banda l-oħra Qorti tkun teħtieġ prova teknika jew xjentifika u għalhekk tkun teħtieġ ħila jew sengħa speċjali, tkun teħtieġ li tiġi magħmula perizja minn persuni kwalifikati fil-qasam partikolari li tkun tolqot dik il-prova. Dawn ix-xiehda jitħarku bħal xiehda oħra, u huma mistennija li fl-aħħar tal-perizja tagħhom jipproduċu rapport, bil-fomm jew bil-miktub, lill-Qorti li tkun ħatrithom. Dawn ix-xiehda esperti jistgħu jixhdu dwar il-fatti u ċirkostanzi mistħarġa minnhom u li fuqhom ikunu bażaw ir-rapport tagħhom. Konsegwentement, a differenza ta' xiehda oħra, jistgħu jesprimu opinjoni fuq il-materja teknika li għaliha huma jkunu ġew*

[27] Qorti tal-Appell Kriminali; Deciza 26 ta' Novembru 2019; Appell Numru 409/2017

*maħtura. Fil-qadi ta' din il-mansjoni, dawn ix-xiehda jridu jaħilfu r-rapport tagħhom u meta jixhdu huma jagħmlu dan bil-ġurament."*

Din il-Qorti tqis li fil-kaz odjern, mill-provi diretti u dawk cirkostanzjali, inkluz bix-xiehda moghtija minn Mary Rose Attard Flores, li kkonfermat li l-imputata accediet quddiemha ghall-*account* ta' Raphael Attard Flores minn *laptop* tax-xhud, kif ukoll mir-risposta prezentata mill-imputata quddiem il-Qorti tal-Familja, mix-xhieda ta' Raphael Attard Flores, u min-nuqqas ta' provi migjuba mill-imputata sabiex turi l-awtorizzazzjoni jew l-intitolar taghha biex taccedi d-data tal-parte leza, ma jikkonfermawx bla ebda ombra ta' dubju, li l-imputata wettqet it-tieni reat addebitati lilha

Ghaldaqstant il-Qorti ma tqis li l-prosekuzzjoni irnexxiela tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi fir-rigward it-tieni imputazzjoni u sejra tghaddi sabiex tillibera minn kull htija u piena dwarha filwaqt li sejra tghaddi sabiex issibha hatja ta' l-ewwel, t-tielet u r-raba' imputazzjonijiet migjuba kontriha.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali netta ta' l-imputata u ghalhekk ghandu jigi meqjus il-fatt li l-imputata qatt ma kellha reati registrati kontra taghha.[28]
- Illi filwaqt ma jnaqqas xejn mil-gravita tal-kaz, jirrizulta li dan il-kaz sar f'perjodu difficli meta l-koppja kienu qeghdin jisseparaw u att ma rega irrizulta dan l-agir.

[28] Folio 3 ta' l-atti processwali

- Illi inoltre, ix-xhud Lourdes Bianchi iddikjarat li qed tirrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli, u li qed tahfer lill-imputata.

- Illi ma jista jigi njorat li d-data *ossia* ritratt intuzat bhala prova f'procedura quddiem il-Qorti tal-Familja u li dan l-agir ghandu ccensurat.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 337C(1)(f)(g)(i) u (j) u 337F(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li ssib lil Theresa Attard Flores **mhux hatja** tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra taghha, ossija dik taht l-artikolu 337C (1) (g) tal-Kodici Kriminali, u tilliberaha minn kull htija u piena fir-rigward, issibha **hatja** ta' l-ewwel, it-tielet, u r-raba' imputazzjonijiet dedotti kontra taghha, ossija dawk taht l-artikolu 337C (1) (f), (i) u (j) tal-Kodici Kriminali u tikkundannaha ghal multa ta' sitt elef Euro (€6,000).

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 14 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeda tawtorizza li l-multa tithallas b'pagamenti mensili ta' mitejn Euro (€200) fix-xhar bl-ewwel pagament issir mhux aktar tard minn xhar wara illum u b' pagamenti ekwivalenti konsekuttivament u interrottament fl-ahhar ta' kull xahar sussegwenti bid-dekadenza u fin-nuqqas ikun konvertibbli f'prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

**Moghtija illum nhar is-17 ta' Gunju 2021 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**